

**MT**

**MT**

**MT**



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 22.11.2010  
KUMM(2010) 673 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U  
LILL-KUNSILL**

**L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE fl-Azzjoni: Ħames passi lejn Ewropa aktar  
sikura**

# KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE fl-Azzjoni: Ħames passi lejn Ewropa aktar sikura

### 1. IL-MUDELL EWROPEW TAS-SIGURTÀ NAĦDMU FLIMKIEN GĦAL EWROPA AKTAR SIKURA

Il-biċċa l-kbira tal-Ewropej jistgħu jgħixu l-ħajja tagħhom ta' kuljum f'sikurezza relattiva. Fl-istess waqt, is-soċjetajiet tagħna, qed jiffaċċjaw theddidiet serji ta' sigurtà li qed jikbru fid-daqs u fis-sofistikazzjoni. Bosta mill-isfidi tal-lum dwar is-sigurtà għandhom natura transkonfinali u transsettorjali. L-ebda wieħed mill-Istati Membri mhu f'pożizzjoni li jiffaċċja dawn it-theddidiet waħdu. Din hi ħaġa li tħasseb liċ-ċittadini u lin-negozji tagħna. Erbgħa minn kull ħames Ewropej iridu aktar azzjoni fil-livell tal-UE kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu<sup>1</sup>.

Diġà inkiseb ħafna biex jiġu ffaċċjati dawk it-theddidiet li qed jixirfu u biex tiżdied is-sigurtà tal-Ewropa. Bit-Trattat ta' Lisbona<sup>2</sup> fis-seħħ, u bil-gwida pprovduta mill-Programm ta' Stokkolma u l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu<sup>3</sup>, illum l-UE għandha l-opportunità li tiegħu azzjoni ulterjuri ddeterminata. L-Istrateġija Interna tas-Sigurtà, adottata kmieni fl-2010 taħt il-Presidenza Spanjola<sup>4</sup>, stabbiliet l-isfidi, il-prinċipji u l-linji gwida ta' kif għandhom jiġu ttrattati dawn il-kwistjonijiet fi ħdan l-UE u appellat lill-Kummissjoni biex tipproponi azzjonijiet biex timplimenta l-istrateġija. Din il-komunikazzjoni - l-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE fl-Azzjoni - għalhekk tibni fuq dak li diġà ġie miftiehem bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE, u tipproponi kif aħna matul l-erba' snin li ġejjin nistgħu naħdmu flimkien biex inkunu aktar effettivi fil-ġlieda u l-prevenzjoni tal-**kriminalità serja u organizzata, it-terroriżmu u ċ-ċiberkriminalità**, fit-tiŝiħ **tal-immaniġġjar tal-fruntieri esterni tagħna** u l-bini ta' **reżiljenza għad-diżastri naturali jew dawk ikkawżati mill-bniedem**.

#### *Aġenda kondiviża għal sfidi komuni*

Ir-rwol tal-UE fis-sigurtà interna tagħna jikkonsisti f'politiki komuni, leġislazzjoni u kooperazzjoni prattika fl-oqsma tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja, immaniġġjar tal-fruntieri, u immaniġġjar tal-kriżijiet. Il-kontribuzzjoni tal-politiki tal-UE kemm interni kif ukoll dawk esterni, hi kruċjali fl-isforzi biex jintlaħqu l-oġettivi tagħna ta' sigurtà.

<sup>1</sup> Ewrobarometru Standard 71.

<sup>2</sup> It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

<sup>3</sup> Il-Programm ta' Stokkolma: Ewropa Miftuħa u Sigura għas-Servizz u l-Protezzjoni taċ-Ċittadini (Dokument tal-Kunsill 17024/09); It-tweġġ ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja; Pjan ta' Azzjoni li jimplementa l-Programm ta' Stokkolma - COM(2010) 171. Il-Programm ta' Stokkolma hu l-programm tal-UE għall-ġustizzja u l-intern għall-perjodu 2010-14.

<sup>4</sup> Dokument tal-Kunsill, 5842/2/2010, Strateġija tas-Sigurtà Interna tal-Unjoni Ewropea: Lejn Mudell Ewropew ta' Sigurtà.

L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE fl-Azzjoni għalhekk tressaq 'il quddiem aġenda kondiviża għall-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-aġenzji u oħrajn, inklużi s-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali. Din l-aġenda għandha tkun appoġġjata minn industrija solida tas-sigurtà tal-UE li fi ħdanha il-manifatturi u dawk li jipprovdu s-servizz jistgħu jaħdmu mill-qrib flimkien mal-utenti aħħarin. L-isforzi komuni tagħna biex noħroġu bi tweġibiet għall-isfidi tas-sigurtà ta' żmienna se jikkontribwixxu wkoll għat-tisħiħ u l-iżvilupp tal-mudell Ewropew ta' ekonomija soċjali tas-suq li ġiet ippreżentata fl-istrateġija Ewropa 2020.

### *Politiki dwar is-sigurtà ibbażati fuq valuri komuni*

L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE fl-Azzjoni, u l-għodod u l-azzjonijiet biex tiġi implimentata għandhom ikunu bbażati fuq valuri komuni li jinkludu l-istat tad-dritt u r-rispett għall-jeddijiet fundamentali kif stabbiliti fil-**Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali**<sup>5</sup>. Is-solidarjetà għandha tikkaratterizza l-approċċ tagħna għall-immaniġġjar tal-kriżijiet. Il-proposti tagħna li jikkumbattu t-terroriżmu għandhom ikunu proporzjonati għall-iskala tal-isfidi u jiffukaw fuq il-prevenzjoni ta' attacchi fil-futur. Fejn l-infurzar effiċjenti tal-liġijiet fl-UE hu ffaċilitat permezz ta' skambju ta' informazzjoni, aħna għandna wkoll inħarsu l-privatezza tal-individwi u d-dritt fundamentali tagħhom għall-ħarsien tad-dejta personali.

### *Sigurtà interna b'perspettiva globali*

Is-sigurtà interna ma tistax tinkiseb fiżolament mill-bqija tad-dinja, u għalhekk hu importanti li tkun żgurata koerenza u komplimentarjetà bejn l-aspetti interni u esterni tas-sigurtà tal-UE. Il-valuri u l-prijoritajiet fl-Istrateġija Interna tas-Sigurtà, inkluż l-impenn tagħna biex nippromwovu l-jeddijiet tal-bniedem, id-demokrazija, il-paċi u l-istabbiltà fil-pajjiżi ġirien tagħna u lil hinn minnhom, huma komponenti integrali tal-approċċ stabbilit fl-Istrateġija Ewropea tas-Sigurtà<sup>6</sup>. Bħal ma tirrikonoxxi l-Istrateġija, ir-relazzjonijiet mal-imsieħba tagħna, b'mod partikolari l-Istati Uniti, huma ta' importanza fundamentali fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata u t-terroriżmu.

Is-sigurtà għandha tkun integrata fil-partenarjati strateġiċi rilevanti, u tiġi *kkunsidrata fid-djalogu mal-imsieħba tagħna meta jkun qed jiġi pprogrammat il-finanzjament tal-UE tal-ftehimiet ta' sħubija*. B'mod partikolari, il-prijoritajiet marbuta mas-sigurtà interna għandhom ikunu preżenti fid-djalogi politiċi ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet reġjonali fejn ikun xieraq u rilevanti għall-ġlieda kontra theddidiet multipli, bħat-traffikar tal-bnedmin, it-traffikar tad-droga u t-terroriżmu. Barra minn dan l-UE se tagħti attenzjoni speċjali lil pajjiżi u reġjuni terzi li jista' jkollhom bżonn l-appoġġ u l-kompetenza tal-UE u tal-Istati Membri fl-interess mhux biss tas-sigurtà esterna imma wkoll ta' dik interna. Permezz tas-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna se jkun possibbli li tiġi integrata iżjed azzjoni u kompetenza bl-użu tal-ħiliet u l-għarfien tal-Istati Membri, il-Kunsill u l-Kummissjoni. Il-kompetenza dwar is-sigurtà għandha tiġi mmobilizzata lid-delgazzjonijiet tal-UE, partikolarment f'pajjiżi prijoritarji, inklużi l-uffiċjali ta' kuntatt u l-maġistrati ta' kuntatt tal-Europol<sup>7</sup>. Ir-

<sup>5</sup> 'Strateġija għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea' - COM (2010) 573.

<sup>6</sup> "Strateġija Ewropea ta' Sigurtà: Ewropa sigura f'dinja aħjar" ġiet adottata fl-2003 u riveduta fl-2008.

<sup>7</sup> B'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill fuq il-Eurojust 2009/426/GHA, li trid tiġi trasposta sa Ġunju tal-2011.

responsabbiltajiet u l-funzjonijiet adattati għal dawn l-esperti se jkunu ddefiniti mill-Kummissjoni u mis-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna.

## 2. ĦAMES OBJETTIVI STRATEĠIĠI GĦAS-SIGURTÀ INTERNA

Din il-komunikazzjoni tidentifika l-aktar sfidi urġenti għas-sigurtà tal-UE fis-snin li ġejjin. Hi tipproponi ħames objettivi strateġiċi u azzjonijiet speċifiċi għall-2011-2014 li, id f'id ma' sforzi u inizjattivi kontinwi, se jgħinu biex l-UE tkun aktar sigura.

**Il-kriminalità serja u organizzata** tiegħu suriet varji: traffikar tal-bnedmin, traffikar tad-drogi u l-armi tan-nar, ħasil tal-flus u t-trasport bil-baħar u r-rimi illegali tal-iskart kemm fl-Ewropa kif ukoll barra minnha. Anke l-kriminalità li tidher trivjali bħas-serq bi żgass u serq mill-karozzi, il-bejgħ ta' oġġetti ffalsifikati u perikolużi u azzjonijiet ta' tajfiet kriminali li jivjaġġaw minn post għall-ieħor ikunu ta' spiss manifestazzjonijiet lokali ta' netwerks kriminali globali. Dawn l-atti kriminali jirrikjedu azzjoni komuni Ewropea. L-istess għat-**terroriżmu**: is-soċjetajiet tagħna jibqgħu vulnerabbli għax-xorta ta' attakki li ġġarbu bl-attakki bil-bombi tat-trasport pubbliku f'Madrid fl-2004 u f'Londra fl-2005. Għandna naħdmu aktar u aktar mill-qrib li nimpedixxu li jerġgħu iseħħu attakki ġodda.

Theddida oħra li qed tikber hi **ċ-ċiberkriminalità**. L-Ewropa hi mira ewlenija ta' ċ-ċiberkriminalità minħabba l-infrastruttura avvanzata tagħha tal-internet, in-numru għoli ta' utenti, u s-sistemi tagħha ta' ekonomiji u ħlasijiet li jsiru permezz tal-internet. Iċ-ċittadini, in-negozji, il-gvernijiet u l-infrastruttura kritika għandhom ikunu protetti aħjar mill-kriminali li jieħdu vantaġġ mit-teknoloġija moderna. **Is-sigurtà fil-fruntieri** tirrikjedi wkoll aktar azzjoni koerenti. Bi fruntieri esterni komuni, il-kuntrabandu u attivitajiet illegali transkonfinali oħrajn għandhom ikunu indirizzati fil-livell Ewropew. Il-kontroll effiċjenti tal-fruntieri esterni tal-UE hu għalhekk kruċjali għaż-żona ta' moviment ħieles.

Barra minn hekk, fis-snin reċenti rajna żieda fil-frekwenza u l-iskala ta' **diżastri** naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem fl-Ewropa u fil-pajjiżi li jmissu eżatt magħha. Dan wera l-ħtieġa ta' kapaċità Ewropea ta' reazzjoni għall-kriżijiet u d-diżastri aktar f'saħħitha, koerenti u integrata aħjar kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-politiki u l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-prevenzjoni mid-diżastri.

### **OBJETTIV 1: It-tkissir tan-netwerks internazzjoni kriminali**

Minkejja l-kooperazzjoni li dejjem qed tikber bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura kemm fi ħdan kif ukoll bejn l-Istati Membri, in-netwerks kriminali internazzjonali għadhom attivi ħafna, u qed jiġġeneraw profitti kriminali kbar. Flimkien mal-korruzzjoni u l-intimidazzjoni tal-popolazzjoni u l-awtoritajiet lokali dawn il-profitti ta' spiss qed jiġu użati biex jinfindu l-ekonomija u jimminaw il-fiduċja tal-pubbliku.

Għalhekk sabiex wieħed jimpedixxi l-kriminalità hu essenzjali li jitkissru n-netwerks kriminali u tiġi miġġielda l-inċentiva finanzjarja li ssuqhom. Għal dan il-għan, għandha tissaħħaħ il-kooperazzjoni Prattika tal-infurzar tal-liġi. L-Awtoritajiet fis-setturi kollha u flivelli differenti għandhom jaħdmu flimkien biex iħarsu l-ekonomija, u l-profitti kriminali għandhom ikunu effettivament irrintraċċati u kkonfiskati. Għandna bżonn ukoll negħlbu l-ostakoli kkawżati minn approċċi nazzjonali li jmorru f'direzzjonijiet differenti, fejn hu meħtieġ permezz ta' leġiżlazzjoni jew kooperazzjoni ġudizzjarja biex jissaħħu ir-

rikonossiment reċiproku u d-definizzjonijiet komuni ta' reati kriminali u l-livelli minimi ta' sanzjonijiet penali<sup>8</sup>.

### Azzjoni 1: L-identifikazzjoni u ż-żarmar ta' netwerks kriminali

Biex jiġu identifikati u mksirra n-netwerks kriminali, hu essenzjali li wieħed jifhem il-metodi ta' kif joperaw il-membri tagħhom u l-finanzjament tagħhom.

Għalhekk fl-2011 il-Kummissjoni se tipproponi leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-ġbir tar-**Rekords tal-Ismijiet tal-Passiġġieri** ta' passiġġieri fuq titjiriet li jkunu deħlin jew heġġin mit-territorju tal-UE. Din id-dejta se tkun analizzata mill-awtoritajiet fl-Istati Membri għall-prevenzjoni u l-prosekuzzjoni tar-reati terroristiċi u delitti serji.

Li wieħed jifhem is-sors kriminali tal-finanzi u l-movimenti tagħhom jiddependi mill-informazzjoni dwar il-proprjetarji tal-kumpaniji, kif ukoll it-trusts li minnhom jgħaddu dawk il-finanzi. Fil-prattika, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji, il-korpi investigattivi amministrattivi bħall-OLAF u l-professionisti tas-settur privat isibuha diffiċli biex jiksbu informazzjoni bħal din. Għalhekk l-UE għandha tikkunsidra sal-2013, fid-dawl ta' taħditiet mal-imsieħba internazzjonali tagħha fit-Task Force dwar l-Azzjoni Finanzjarja, li tirrevedi **l-leġiżlazzjoni tal-UE kontra l-Ħasil tal-Flus** biex issaħħaħ it-trasparenza tal-persuni legali u l-arranġamenti legali. Bħala għajnuna biex jiġu rrintraċċati l-movimenti tal-finanzi kriminali, uħud mill-Istati Membri stabbilew reġistru ċentrali tal-kontijiet bankarji. Biex tiġi mmassimizzata l-utilità ta' reġistri bħal dawn għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, fl-2012 il-Kummissjoni se tiżviluppa linji gwida. Sabiex tinvestiga b'mod effettiv it-tranżazzjonijiet finanzjarji kriminali, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji għandhom ikunu mgħammra u mħarrġa biex jiġbru, janalizzaw, u fejn ikun xieraq, jaqsmu l-informazzjoni bl-użu sħiħ taċ-ċentri nazzjonali ta' eċċellenza għall-investigazzjonijiet finanzjarji kriminali u l-programmi ta' taħriġ tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL). Il-Kummissjoni fl-2012 se tipproponi strateġija f'dan il-qasam.

Barra minn dan, il-karattru internazzjonali tan-netwerks kriminali jitlob għal aktar **operazzjonijiet konġunti** li jinvolvu l-pulizija, id-dwana, il-gwardjani tal-fruntieri u l-awtoritajiet ġudizzjarji fl-Istati Membri differenti li jaħdmu id f'id mal-Eurojust, il-Europol u l-OLAF Operazzjonijiet bħal dawn, inklużi **l-Gruppi Konġunti tal-Investigazzjonijiet**<sup>9</sup>, għandhom jitwaqqfu - fejn ikun meħtieġ fi żmien qasir - bl-appoġġ sħiħ tal-Kummissjoni b'konformità mal-prijoritajiet, l-oġġettivi strateġiċi u l-pjanijiet stabbiliti mill-Kunsill fuq il-bażi tal-analiżi tat-theddida relevanti<sup>10</sup>.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ikomplu jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva u jirrapportaw dwar il-**Mandat ta' Arrest Ewropew**, inkluż l-effetti tiegħu fuq id-drittijiet fundamentali.

---

<sup>8</sup> Proposti riċenti għad-Direttivi dwar it-traffikar tal-bnedmin, l-isfruttament sesswali tat-tfal u ċ-ċiberkriminalità jirrappreżentaw l-ewwel pass importanti f'din id-direzzjoni. L-Artikolu 83(1) TFUE jelenka r-reati serji l-oħra li ġejjin: it-terroriżmu, it-traffikar illeċitu tad-droga, it-traffikar illeċitu tal-armi, il-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni, l-iffalsifikar ta' mezzi ta' hłasijiet u l-kriminalità organizzata.

<sup>9</sup> L-Artikolu 88(2)(b) tat-TFUE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI dwar it-titjib fil-kooperazzjoni transkonfinali, partikolarment fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali.

<sup>10</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill [15358/10](#) dwar il-ħolqien u l-implimentazzjoni taċ-ċiklu politiku tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja.

## Azzjoni 2: Il-protezzjoni tal-ekonomija kontra l-infiltrazzjoni kriminali

In-netwerks kriminali jorbtu fuq il-koruzzjoni biex jinvestu l-profitti tagħhom fl-ekonomija li tkun konformi mal-liġi, b'hekk inaqqu mill-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi u fis-sistema ekonomika. Is-sostenn tar-rieda politika fil-ġlieda kontra l-koruzzjoni hi ta' importanza ewlenija. L-azzjoni fil-livell tal-UE u l-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki għalhekk huma meħtieġa, u l-Kummissjoni se tippreżenta proposta fl-2011 dwar kif tissorvelja u tgħin **l-isforzi tal-Istati Membri kontra l-koruzzjoni**.

Għandhom jiġu żviluppati politiki biex jiġu ngaġġati *korpi governattivi u regolatorji responsabbli mill-għoti* tal-liċenzji, l-awtorizzazzjonijiet, il-kuntratti tal-akkwisti jew is-sussidji ('**l-approċċ amministrattiv**') sabiex l-ekonomija tiġi mħarsa kontra l-infiltrazzjoni minn netwerks kriminali. Il-Kummissjoni se tagħti appoġġ prattiku lill-Istati Membri billi fl-2011 twaqqaf netwerk ta' punti ta' kuntatt nazzjonali biex jiġu żviluppati l-aħjar Prattiki, u billi tagħti sostenn lil proġetti pilota dwar kwistjonijiet prattiċi.

L-oġġetti ffalsifikati jiġġeneraw profitti kbar għal gruppi tal-kriminalità organizzata, jikkawżaw distorsjoni tal-mudelli kummerċjali tas-suq, jimminaw l-industrija Ewropea u jpoġġu fil-periklu s-saħħa u s-sikurezza taċ-ċittadini Ewropej. Il-Kummissjoni għalhekk, fil-kuntest tal-pjan ta' azzjoni li ġej kontra l-iffalsifikar u l-piraterija, se tieħu l-inizjattivi kollha xierqa biex trawwem **infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali** aktar effettiv. Sadanittant, sabiex jiġi attakkat il-bejgħ min fuq l-internet tal-oġġetti ffalsifikati, l-amministrazzjonijiet tad-dwana tal-Istati Membri u l-Kummissjoni fejn ikun meħtieġ għandhom jadattaw il-liġijiet, jistabbilixxu punti ta' kuntatt fid-dwana nazzjonali u jiskambjaw l-aħjar Prattiki.

## Azzjoni 3: Il-konfiska tal-assi kriminali

Biex tiġi miġġielda l-inċentiva finanzjarja tan-netwerks kriminali, l-Istati Membri għandhom jagħmlu dak kollu li jistgħu biex jaħtfu, jiffriżaw, jimmaniġġjaw u jikkonfiskaw l-assi kriminali, u jiżguraw li ma jerġgħux imorru lura fidejn il-kriminali.

Għal dan il-għan il-Kummissjoni fl-2011 se tippromponi **leġislazzjoni** biex issaħħaħ il-qafas legali tal-UE<sup>11</sup> fuq il-**konfiska**, b'mod partikolari biex tippermetti aktar konfiski ta' partijiet terzi<sup>12</sup> u testendi l-konfiski<sup>13</sup> u tiffaċilita r-rikonossiment reċiproku ta' ordinijiet ta' konfiska li ma jkunux ibbażati fuq kundanna<sup>14</sup> bejn l-Istati Membri.

L-Istati Membri sal-2014 għandhom<sup>15</sup> jistabbilixxu **Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi** mgħammra bir-riżorsi, poteri u taħriġ meħtieġ u l-abbiltà li jiskambjaw l-informazzjoni. Il-Kummissjoni se tiżviluppa indikaturi komuni sal-2013, li magħhom l-Istati Membri

---

<sup>11</sup> Deċiżjoni Qafas 2001/500/ĠAI dwar ħasil ta' flus u konfiska.

<sup>12</sup> Il-konfiska ta' parti terza tinvolvi l-konfiska ta' assi li ġew trasferiti minn persuna investigata jew ikkundannata lil partijiet terzi.

<sup>13</sup> Konfiska ta' partijiet terzi tinvolvi l-konfiska tal-assi li jkunu ġew trasferiti minn persuna investigata jew ikkundannata lil partijiet terzi.

<sup>14</sup> Il-konfiska estiża hi l-abbiltà li jiġu kkonfiskati assi li jmorru lil hinn mid-dħul dirett minn krimini u għalhekk ma jkun hemm għalfejn tiġi stabbilita konnessjoni bejn assi kriminali ssuspettati u kondotta kriminali speċifika.

<sup>15</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/845/ĠAI tirrikjedi li kull Stat Membru jwaqqaf tal-anqas Uffiċċju wieħed għall-Irkupru tal-Assi fuq it-territorju tiegħu.

għandhom iqabblu u jevalwaw il-prestazzjoni ta' dawn l-uffiċċji. Barra minn hekk, l-Istati Membri ukoll sal-2014, għandhom jagħmlu l-arranġamenti istituzzjonali meħtieġa pereżempju billi joħlqu uffiċċji tal-immnaigġjar tal-assi, biex jiżguraw li l-assi ffriżati ma jtilfux mill-valur tagħhom qabel ma eventwalment jiġu kkonfiskati. B'mod parallel, il-Kummissjoni fl-2013 se tipprovdi gwida dwar l-aħjar prattiki dwar kif wieħed jiprevjeni lil gruppi kriminali milli jerġgħu jakkwistaw assi kkonfiskati.

## **OBJETTIV 2: Il-prevenzjoni tat-terroriżmu u l-indirizzar tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ**

It-theddida tat-terroriżmu għandha sinjifikanti u qed tevolvi l-ħin kollu<sup>16</sup>. L-organizzazzjonijiet terroristiċi jadattaw ruħhom u jiġġeddu, kif intwera permezz tal-attakki f'Mumbai fl-2008, l-attentat ta' attakk fuq titjira minn Amsterdam għal Detroit nhar il-Milied tal-2009 u l-kumplotti li ġew żvelati reċentement li affettwaw diversi Stati Membri. It-theddiet illum il-ġurnata ġejjin kemm minn terroristi organizzati kif ukoll minn 'persuni li joperaw waħedhom', li possibilmment li jkunu bnew it-twemmin radikali tagħhom fuq il-bażi ta' propaganda estremista u jkunu sabu materjal tat-taħriġ minn fuq l-internet. L-isforzi tagħna biex niġġieldu kontra t-terroriżmu hemm bżonn li jevolvu biex nibqgħu pass 'il quddiem mit-theddida b'approċċ Ewropew koerenti li jinkludi azzjoni preventiva<sup>17</sup>. Barra minn hekk, l-UE għandha tkompli bl-iżvilupp tal-infrastruttura kritika u bit-twettiq ta' pjanijiet biex tiproteġi dawk l-assi, inklużi s-servizzi ta' trasport u l-ġenerazzjoni u t-trażmissjoni tal-enerġija, li huma essenzjali biex is-soċjetà u l-ekonomija jkunu jistgħu jiffunzjonaw<sup>18</sup>.

L-Istati Membri għandhom ir-rwol primarju li dan l-oġġettiv iwettquh permezz ta' sforzi kkoordinati u effettivi, bl-appoġġ sħiħ tal-Kummissjoni, u megħjuna mill-Koordinatur tal-UE ta' Kontra t-Terroriżmu.

### Azzjoni 1: Il-komunitajiet jingħataw il-qawwa biex jimpedixxu r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ

Ir-radikalizzazzjoni li tista' twassal għal atti terroristiċi l-aħjar li titwaqqaf hi fil-ivell l-aktar qrib tal-individwi l-aktar suxxettibbli fil-komunitajiet l-aktar milquta. Tirrikjedi kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet lokali u s-soċjetà ċivili u tagħti poter lil gruppi ewlenin f'komunitajiet vulnerabbli. Il-qofol tal-azzjoni dwar ir-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għandha tkun - u għandha tibqa' - fil-livell nazzjonali.

Bosta Stati Membri qed jiżviluppaw lantijiet tax-xogħol f'dan il-qasam, u ċerti bliet fi ħdan l-UE żviluppaw approċċi lokali bbażati fil-komunitajiet u politiki ta' prevenzjoni. Dawn l-

---

<sup>16</sup> Għall-aħħar ċifri, ara r-Rapport tal-Europol: Is-Sitwazzjoni u x-Xejra tat-Terroriżmu (TESAT) tal-2010.  
<sup>17</sup> Strateġija tal-UE għal kontra t-Terroriżmu Dok. 14469/4/05 ta' Novembru tal-2005 tistabbilixxi approċċ li jinqasam f'erbgħa li jikkonsisti fi Prevenzjoni, Protezzjoni, Segwitu u Rispons. Għal diskussjoni aktar iddettaljata, ara 'Il-Politika tal-UE Kontra t-Terroriżmu : il-kisbiet ewlenin u l-isfidi tal-futur' COM (2010)386.

<sup>18</sup> Id-Direttiva dwar l-Infrastrutturi Kruċjali Ewropej (2008/114/KE), parti mill-Programm Ewropew aktar wiesa' għall-Protezzjoni tal-Infrastruttura Kruċjali, li l-ambitu tagħha jestendi lil hinn mill-protezzjoni kontra t-theddid mit-terroristi.



inizjattivi ta' spiss irnexxew u l-Kummissjoni se tkompli tassisti fil-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' esperejnzi bħal dawn<sup>19</sup>.

L-ewwel, sal-2011, u bi sħab mal-Kumitat tar-Reġjuni, il-Kummissjoni se tippromwovi l-ħolqien ta' **network tal-UE li jqajjem kuxjenza dwar ir-radikalizzazzjoni**, appoġġjat permezz ta' forum online u konferenzi madwar l-UE kollha, biex jiġu skambjati l-esperjenzi, it-tagħrif u l-prattiċi tajba biex tiżdied il-kuxjenza dwar ir-radikalizzazzjoni u t-tekniki ta' komunikazzjoni biex jiġu sfidati n-narrattivi terroristiċi. Dan in-network se jkun jikkonsisti minn dawk li jfasslu l-politika, uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u tas-sigurtà, prosekuturi, awtoritajiet lokali, akkademiċi, esperti fil-qasam, u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi gruppi tal-vittmi. L-Istati Membri għandhom jużaw l-ideat iġġenerati permezz tan-network biex joħolqu spazji komunitarji fiżiċi u virtwali għal *dibattiti miftuħa li jinkoraġġixxu mudelli influwenti u opinjonisti ewlenin kredibbli li jagħtu messaġġi pożittivi u joffru alternattivi għan-narrattivi terroristiċi*. Il-Kummissjoni se tappoġġja wkoll ix-xogħol ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jesponi, jittraduċi u jisfida l-propoganda estremista vjolenti fuq l-internet.

It-tieni, il-Kummissjoni fl-2012 se *torganizza konferenza ministerjali fuq il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ li matulha l-Istati Membri se jingħataw l-opportunità li jippreżentaw eżempji ta' azzjonijiet li jkun r-nexxew biex jikkumbattu l-ideoloġija estremista*.

*It-tielet, fid-dawl ta' dawn l-inizjattivi u d-diskussjonijiet, il-Kummissjoni se tiżviluppa ktejjeb ta' azzjonijiet u esperjenzi li japoġġja l-isforzi tal-Istati Membri, mill-prevenzjoni vertikali tar-radikalizzazzjoni għat-tħarbit tar-reklutaġġ u kif wieħed jagħmilha possibbli li jkun hemm diżingaġġ u rijabilitazzjoni*.

## Azzjoni 2: Jinqata' l-aċċess tat-terroristi għall-finanzjament u l-materjal u s-segwitu tat-tranżazzjonijiet tagħhom

*Fl-2011 il-Kummissjoni se tikkunsidra li tħejji qafas għal miżuri amministrattivi skont l-Artikolu 75 tat-Trattat fir-rigward tal-iffriżar tal-assi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u attivitajiet relatati*. Hemm bżonn li l-pjanijiet ta' azzjoni tal-UE għall-prevenzjoni tal-aċċess għall-isplussivi (2008) u s-sustnazi Kimiċi, Bijoloġiċi, Radjoloġiċi u Nukleari (CBRN) (2009) jiġu implimentati bħala prijorità, permezz ta' azzjoni kemm leġiżlattiva kif ukoll nonlegiżlattiva. Dan jinkludi l-adozzjoni ta' *regolament, propost mill-Kummissjoni fl-2010, li jillimita l-aċċess ġenerali għall-prekursuri kimiċi biex isiru l-isplussivi*. Dan ifisser ukoll it-twaqqif ta' *network Ewropew ta' unitajiet tas-CBRN speċjalizzati tal-infurzar tal-liġi, u jiġi żgurati li l-Istati Membri jieħdu kunsiderazzjoni tar-riskju CBRN fl-ippjanar nazzjonali tagħhom*. Miżura oħra hi li tiġi stabbilita *Sistema ta' Twissija Bikrija tal-infurzar tal-liġi fil-Europol għal inċidenti marbuta mal-materjal CBRN*. Dawn l-azzjonijiet jirrikjedu koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, u għandhom jinvolvu sħubijiet bejn is-settur pubbliku u dak privat, fejn hemm bżonn. Biex jiġi mminimizzat ir-riskju li organizzazzjonijiet terroristiċi u atturi statali jkollhom aċċess għal

<sup>19</sup> Bħala parti mill-istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu (CS/2008/15175) il-Kummissjoni appoġġjat riċerka u t-twaqqif ta' Network Ewropew ta' Esperti dwar ir-Radikalizzazzjoni biex jistudja l-fenomenu tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ, proġetti mmexxija mill-Istati Membri fuq. pereżempju, policing tal-komunitajiet, komunikazzjoni u radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet, u pprovdiet madwar EUR 5 miljun għal proġetti f'isem il-vittmi u tappoġġja n-network tal-assoċjazzjonijiet tal-vittmi tat-terroriżmu.

dawk l-affarijiet li jistgħu jintużaw biex isiru splussivi u armi tal-querda massiva (bijoloġiċi, kimiċi u nukleari), l-UE għandha ssaħħa is-sistema tal-kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju u l-infurzar tagħha fuq il-fruntieri u internazzjonalment.

Wara l-iffirmar tal-ftehim mal-Istati Uniti tal-Programm dwar ir-Rintraċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu, il-Kummissjoni fl-2011 se **tiżviluppa politika għall-UE biex tislet u tanalizza dejta ta' messaġġi finanzjarji** li tkun miżmuma fit-territorju tagħha.

### Azzjoni 3: Il-protezzjoni tat-trasport

Il-Kummissjoni se tiżviluppa ulterjorment ir-reġim tal-UE għas-sigurtà tal-avjazzjoni u marittima, ibbażata fuq il-valutazzjoni kontinwa ta' theddidiet u riskji. Se tikkunsidra l-progress fit-teknika u t-teknoloġija tar-riċerka dwar is-sigurtà, billi tagħmel użu minn programmi tal-UE bħal Galileo u l-inizjattiva GMES<sup>20</sup> dwar l-osservazzjoni Ewropea tal-art. Se taħdem biex tiżgura l-aċċettazzjoni tal-pubbliku billi tfittex bilanċ dejjem aħjar bejn l-oġġetti livell possibbli ta' sigurtà u kumdità tal-ivvjaġġar, kontroll tal-kostijiet, u l-protezzjoni tal-privatezza u s-saħħa; u se tenfasizza fuq it-tisħiħ kontinwu tar-reġim tal-ispezzjonijiet u l-infurzar, inkluża s-sorveljanza tal-operazzjonijiet tat-tagħbija. Il-kooperazzjoni internazzjonali hi essenzjali fl-għajnuna għall-promozzjoni ta' standards imtejba ta' sigurtà madwar id-dinja, filwaqt li jkun żgurat l-użu effiċjenti tar-riżorsi u tkun limitata d-duplikazzjoni mingħajr hteġa tal-verifiki tas-sigurtà.

Hemm ambitu, u ġustifikazzjoni, għal approċċ Ewropew aktar attiv lejn il-qasam wiesa' u kumpless tas-**sigurtà tat-trasport bl-art**, u b'mod partikolari lejn is-sigurtà tat-trasport tal-passiġġieri<sup>21</sup>. Il-Kummissjoni fi ħsiebha testendi x-xogħol eżistenti fuq is-sigurtà tat-trasport urban biex tkopri (a) il-ferrovija lokali u reġjonali u (b) il-ferrovija ta' veloċità qawwija, inkluża l-infrastruttura relatata. Sal-lum, l-attività fil-livell tal-UE kienet limitata għall-iskambju tal-informazzjoni dwar l-aħjar Prattika, li tirrifletti tħassib dwar is-sussidjarjetà u n-nuqqas ta' organizzazzjoni internazzjonali li tista' titqabbel mal-Organizzazzjoni Internazzjonali Marittima jew l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili li tirrikjedi approċċ Ewropew ikkoordinat. Il-Kummissjoni tqis li bħala l-ewwel pass lejn azzjoni ulterjuri, ikun utli li wieħed jesplora it-twaqqif ta' kumitat permanenti dwar is-sigurtà tat-trasport bl-art, ippresedut mill-Kummissjoni bl-involviment ta' esperti fit-trasport u l-infurzar tal-liġi, u ta' forum fejn isir skambju ta' fehmiet mal-pubbliku u l-imsieħba interessati privati, bil-kunsiderazzjoni ta' esperjenza preċedenti fis-sigurtà tat-trasport bl-ajru u marittimu. Fid-dawl tal-ġrajjet reċenti, ġie aċċellerat ix-xogħol kontinwu biex jiġu rfinuti u msaħħa l-proċeduri għas-sorveljanza tat-tagħbija bl-ajru ġejja minn pajjiżi terzi.

Il-kwistjonijiet tas-sigurtà tat-trasport se jkunu indirizzati fid-dettall f'komunikazzjoni dwar il-Politika tas-Sigurtà tat-Trasport li għandha toħroġ fl-2011.

### **OBJETTIV 3: Intellgħu il-livelli ta' sigurtà għaċ-ċittadini u n-negozji fiċ-ċiberspazju**

Is-sigurtà tan-netwerks tal-IT hi waħda mill-fatturi essenzjali ta' soċjeta tal-informazzjoni li qed taħdem kif suppost. Dan hu rikonoxxut fl-Aġenda Diġitali ta' din is-sena għall-Ewropa li

<sup>20</sup> GMES tfisser Sorveljanza Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà.

<sup>21</sup> Il-Kunsill Ewropew, Marzu tal-2004, id-Dikjarazzjoni dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu.

ġiet ippublikata dan l-aħħar<sup>22</sup> li tindirizza kwistjonijiet marbuta maċ-ċiberkriminalità, iċ-ċibersigurtà, internet aktar sigur u l-privatezza bħala l-komponenti ewlenin fil-bini tal-fiduċja u sigurtà għal dawk li jużaw in-netwerk. L-iżvilupp u l-applikazzjoni bil-ħeffa tat-teknoloġiji l-ġodda tal-informazzjoni ħolqu wkoll forom ġodda ta' attivitajiet kriminali. Iċ-ċiberkriminalità hi fenomenu globali li qed jikkawża ħsara notevoli lis-suq intern tal-UE. Filwaqt li l-istruttura nnifisha tal-internet ma tagħrafx fruntieri, il-ġurisdizzjoni għall-prosekuzzjoni taċ-ċiberkriminalità għadha tieqaf mal-fruntieri nazzjonali. Hemm bżonn li l-Istati Membri jħalltu u jaqsmu l-isforzi tagħhom fil-livell tal-UE. Iċ-Ċentru ta' Kriminalità tat-Teknoloġija Moderna (High Tech Crime Centre) tal-Europol diġà għandu rwol importanti ta' koordinatur għall-infurzar tal-liġi, imma hemm bżonn aktar azzjoni.

### Azzjoni 1: Il-bini ta' kapaċità fl-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura

Sal-2013, l-UE se tkun stabbiliet, fi ħdan l-istrutturi eżistenti, **ċentru taċ-ċiberkriminalità**, li permezz tiegħu l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE se jkunu f'pożizzjoni li jibnu kapaċità operazzjonali u analitika għal investigazzjonijiet u kooperazzjoni ma' msieħba internazzjonali<sup>23</sup>. Iċ-ċentru se jtejjeb l-evalwazzjoni u s-sorveljanza tal-miżuri eżistenti preventivi u investigattivi, jappoġġja l-iżvilupp tat-taħriġ u t-tkabbir tal-kuxjenza tal-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura, jistabilixxi kooperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Infurmazzjoni (ENISA) u jidħol f'kontatt ma' netwerk ta' Gruppi nazzjonali/governattivi ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi Relatati mal-Kompjuter. Iċ-ċentru taċ-ċiberkriminalità għandu jsir il-punt ċentrali tal-ġlieda tal-Ewropa kontra ċ-ċiberkriminalità.

Fil-livell nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw standards komuni fost il-pulizija, l-imħallfin, il-prosekuturi u l-investigaturi forensiċi fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tar-reati taċ-ċiberkriminalità. B'rabta mal-Eurojust, CEPOL u l-Europol, l-Istati Membri qed ikunu mħeġġa biex sal-2013 jiżviluppaw il-kapaċitajiet nazzjonali tagħhom tal-kuxjenza u t-taħriġ dwar iċ-ċibernetika, u jistabilixxu ċentri ta' eċċellenza fil-livell nazzjonali jew bi sħab ma' Stati Membri oħrajn. Dawn iċ-ċentri għandhom jaħdmu mill-qrib mas-settur akkademiku u dak industrijali.

### Azzjoni 2: Il-ħidma mal-industrija biex iċ-ċittadini jsiru kapaċi u jkunu protetti

*L-Istati Membri kollha għandhom jiżguraw li n-nies jistgħu faċilment jirrappurtaw **l-inċidenti ta' ċiberkriminalità**. Din l-informazzjoni, ladarba tiġi evalwata, tgħaddi f'idejn il-pjattaforma ta' twissija taċ-ċiberkriminalità nazzjonali, u jekk ikun hemm bżonn dik Ewropea. Billi jibnu fuq ix-xogħol siewi taħt il-Programm tal-Internet aktar Sigur, l-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li iċ-ċittadini jkollhom aċċess faċli għal gwida dwar theddidiet ċibernetiċi u l-prekawzjonijiet bażiċi li hemm bżonn jittieħdu. Din il-gwida għandha tinkludi pariri kif in-nies jistgħu jiproteġu l-privatezza tagħhom online, jidentifikaw u jirrappurtaw tħejjija għall-abbuż sesswali, jgħammru l-kompjuters tagħhom bis-softwer bażiku kontra l-virus u b'firewalls, jimmaniġġjaw il-passwords, u jidentifikaw phishing, pharming jew attacchi oħra. Fl-2013 il-Kummissjoni se twaqqaf pool ċentrali li jopera f'ħin reali ta' riżorsi u l-aħjar Prattiki komuni bejn l-Istati Membri u l-industrija.*

---

<sup>22</sup> COM (2010) 245.

<sup>23</sup> Il-Kummissjoni se tlesti studju ta' fattibbiltà għal dan iċ-ċentru fl-2011.

*Il-kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat għandha tiġi msaħħa wkoll fuq il-livell Ewropew permezz tas-Sħubija Ewropea tas-Settur Pubbliku u dak Privat għar-Reżiljenza (EP3R). Din għandha tiżviluppa ulterjorment miżuri u strumenti ġodda biex titjeb is-sigurtà, inkluża dik tal-infrastruttura kruċjali u r-reżiljenza ta' infrastruttura ta' netwerk u ta' informazzjoni. EP3R għandha wkoll tidħol f'kuntatt ma' msieħba internazzjonali biex issaħħa l-immaniġġjar tar-riskju globali tan-netwerks tal-IT.*

It-trattament tal-kontenut illegali tal-internet - inkluż li wieħed iħeġġeġ it-terroriżmu - għandu jsir permezz ta' linji gwida fuq kooperazzjoni, bbażati fuq proċeduri ta' avviż awtorizzat u ta' tneħħija, li l-Kummissjoni fi ħsiebha tiżviluppa mal-fornituri tas-servizz tal-internet, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-organizzazzjonijiet volontarji sal-2011. *Sabiex tinkoraġġixxi kuntatt u interazzjoni bejn dawn il-partijiet involuti, il-Kummissjoni se tippromwovi l-użu ta' pjattaforma bbażata fuq l-internet imsejħa l-Inizjattiva ta' Kuntatt kontra ċ-Ċiberkriminalità għall-Industrija u l-Infurzar tal-Liġi.*

### Azzjoni 3: Titjib fil-kapaċità għat-trattament taċ-ċiber attacchi

Għandhom jittieħdu numru ta' passi biex titjeb il-prevenzjoni, l-identifikar u r-reazzjoni immedjata fil-każ ta' attacchi jew interruzzjonijiet li jseħħu fuq iċ-ċiberspazju. L-ewwel, kull Stat Membru, u l-istituzzjonijiet tal-UE infushom għandu jkollhom, sal-2012, **CERT** li jaħdem tajjeb. Hu importanti li ladarba jitwaqqfu, *is-CERTs u l-awtoritajiet kollha tal-infurzar tal-liġi għandhom jikkooperaw fil-prevenzjoni u r-reazzjoni. It-tieni, l-Istati Membri għandhom jorbtu lis-CERTs nazzjonali/gpvernattivi tagħhom f'netwerk bejniethom sal-2012 biex isahha t-tnejn tal-Ewropa. Din l-attività se tkun ukoll strumentali għall-iżvilupp, bl-appoġġ tal-Kummissjoni u tal-ENISA, ta' Sistema Ewropea ta' Qsim u Notifikazzjoni ta' Informazzjoni (EISAS) għall-pubbliku ġenerali sal-2013 u t-twaqqif ta' netwerk ta' punti ta' kuntatt bejn il-korpi relevanti u l-Istati Membri. It-tielet, l-Istati Membri flimkien mal-ENISA għandhom jiżviluppaw pjaniet nazzjonali ta' kontinġenza u jwettqu eżerċizzji regolari nazzjonali u Ewropej fir-reazzjoni għall-inċidenti u l-irkupru wara d-diżastri. B'mod ġenerali, l-ENISA se tipprovi appoġġ għal dawn l-azzjonijiet bl-għan li tgħolli l-istandards tas-CERTs fl-Ewropa.*

### **OBJETTIV 4: It-tisħiħ tas-sigurtà permezz ta' mmaniġġjar tal-fruntieri**

Bit-trattat ta' Lisbona fis-seħħ, l-UE qiegħda f'pożizzjoni aħjar biex tisfrutta s-sinerġiji bejn il-politiki tal-imminagiġjar tal-fruntieri dwar il-persuni u l-oġġetti, fi spirtu ta' solidarjetà u skambju ta' responsabbiltà<sup>24</sup>. Fir-rigward tal-moviment tal-persuni, l-UE tista' tittratta l-imminagiġjar tal-migrazzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità bħala għanijiet imżewġa tal-istrateġija integrata tal-imminagiġjar tal-fruntieri. Hi bbażata fuq tliet fergħat strateġiċi.

- Użu msaħħa ta' teknoloġija ġdida għall-verifiki fil-fruntieri (it-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' informazzjoni ta' Schengen (SIS II), is-Sistema ta' Informazzjoni tal-Viża (VIS); is-sistema ta' dħul/ħruġ u l-programm tar-reġistrazzjoni tal-vjaġġaturi);
- użu msaħħa ta' teknoloġija ġdida għas-sorveljanza tal-fruntieri (is-Sistema ta' Sorveljanza tal-Fruntieri Ewropej, EUROSUR) bl-appoġġ tas-servizzi ta' sigurtà

<sup>24</sup> L-Artikolu 80 tat-TFUE.

GMES u l-ħolqien gradwali ta' ambjent komuni ta' skambju tal-informazzjoni għad-dominju marittimu tal-UE<sup>25</sup>; u

- koordinazzjoni msaħħa tal-Istati Membri permezz tal-Frontex.

B'rabta mal-moviment tal-oġġetti, 'l-emenda tas-sigurtà' tal-2005 tal-Kodiċi Doganali Komunitarju<sup>26</sup> stabbilixxa bażi għall-fruntieri biex isiru iktar siguri u fl-istess waqt aktar miftuħa għall-kummerċ ta' oġġetti mhux suspettużi. It-tagħbija kollha li tidħol fl-UE hi soġġetta għall-analiżi tar-riskju għal finijiet ta' sigurtà u sikurezza fuq il-bażi ta' kriterji u standards komuni tar-riskju. L-użu tar-riżorsi hu aktar effiċjenti għax jiffoka aktar fuq tagħbijiet potenzjalment riskjużi. Is-sistema tistrieħ fuq informazzjoni avvanzata ta' movimenti ta' kummerċ minn operaturi ekonomiċi, it-twaqqif ta' qafas komuni għall-immaniġġjar tar-riskju, kif ukoll ta' skema tal-Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati li għandha tiġi applikata għall-oġġetti kollha li jidħlu jew joħorġu mill-UE. Dawn l-istrumenti jikkumplimentaw lil xulxin u joħolqu arkitettura komprensiva, li qed tkun żviluppata ulterjorment biex tkun tista' tiffaċċja organizzazzjonijiet kriminali li qed ikunu dejjem aktar sofistikati u li l-Istati Membri ma jistgħux jiffaċċjawhom waħedhom.

### Azzjoni 1: L-isfruttament tal-potenzjal kollu tal-EUROSUR

Il-Kummissjoni se tippreżenta proposta leġislattiva biex **twaqqaf il-EUROSUR** fl-2011 biex tikkontribwixxi għas-sigurtà interna u l-ġlieda kontra l-kriminalità. Il-EUROSUR se jstabbilixxi mekkaniżmu għall-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jaqsmu bejniethom informazzjoni operazzjonali marbuta mas-sorveljanza tal-fruntieri u biex jikkooperaw flimkien u mal-Frontex fil-livell tattiku, operazzjonali u strateġiku<sup>27</sup>. Il-EUROSUR se juża teknoloġija ġdida żviluppata permezz ta' proġetti u attivitajiet ta' riċerka iffinanzjati mill-UE, bħall-immaġni satellitari biex jiġu identifikati u rintraċċati miri fuq il-fruntieri marittimi, pereżempju r-rintraċċar ta' bċeġjeċ tal-baħar veloċi li jkunu qed iġorru d-droga lejn l-UE.

Fis-snin reċenti, tnedew żewġ inizjattivi kbar fuq il-kooperazzjoni operazzjonali fuq il-fruntieri marittimi - waħda fuq it-traffikar tal-bnedmin u l-kuntrabandu tal-bnedmin taħt il-kappa tal-Frontex u t-tieni dawr il-kuntrabandu tad-drogi fil-qafas tal-MAOC-N<sup>28</sup> u CeCLAD-M<sup>29</sup>. Bħala parti mill-iżvilupp ta' azzjoni integrata u operazzjonali fil-fruntieri marittimi tal-UE, fl-2011 l-UE se tnedi proġett pilota fil-fruntieri tagħha tan-Nofsinhar jew tax-Xlokk, li jinvolvi żewġ ċentri, il-Kummissjoni, il-Frontex u l-Europol. Dan il-proġett

---

<sup>25</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni. 'Lejn l-Integrazzjoni tas-sorveljanza marittima: Ambjent komuni ta' informazzjoni għad-dominju marittimu tal-UE,' COM (2009) 538

<sup>26</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 648/2005 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) 2913/92 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju.

<sup>27</sup> Il-proposti tal-Kummissjoni għall-iżvilupp tas-sistema tal-EUROSUR u għall-iżvilupp ta' ambjent komuni għall-iskambju ta' informazzjoni (CISE) għad-dominju marittimu tal-UE huma stabbiliti f'COM (2008)68 u COM (2009)538 rispettivament. Reċentament ġie adottat pjan direzzjonali ta' sitt passi għall-istabbiliment tas-CISA - COM (2010) 584.

<sup>28</sup> MAOC-N - Ċentru ta' Analiżi u Operazzjonijiet Marittimi - Narkotiċi.

<sup>29</sup> CeCLAD-M - Centre de Coordination pour la lutte antidrogue en Méditerranée (Ċentru ta' Koordinazzjoni għall-ġlieda kontra d-droga fil-Mediterran.)

pilota se jesplora s-sinerġiji tal-analiżi tar-riskju u d-dejta tas-sorveljanza f'oqsma komuni ta' interess fir-rigward tat-tipi differenti ta' theddidiet, bħad-drogi u l-kuntrabandu tal-persuni<sup>30</sup>.

### Azzjoni 2: It-tisħiħ tal-kontribuzzjoni tal-Frontex għall-ġlieda kontra l-kriminalità fil-fruntieri esterni

Waqt l-operazzjonijiet tagħha, il-Frontex tiltaqa' ma informazzjoni kruċjali fuq kriminali involuti f'netwerks ta' traffikar. Bħalissa, madankollu, din l-informazzjoni ma tistax tintuża ulterjorment għall-analiżi tar-riskju jew biex operazzjonijiet konġunti fil-futur ikunu immirati aħjar. Barra minn hekk, id-dejta rilevanti fuq il-kriminali ssuspettati ma tasalx għand l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew għand il-Europol għal investigazzjoni ulterjuri. Bl-istess mod, il-Europol ma tistax tiskambja informazzjoni mill-fajl tax-xogħol analitiku tagħha. Fuq il-bażi tal-esperjenza u fil-kuntest tal-aproċċ ġenerali tal-UE dwar l-immaniġġjar tal-informazzjoni<sup>31</sup>, il-Kummissjoni tiqs li jekk il-Frontex tingħata l-abbiltà li ttipproċessa u tuża din l-informazzjoni, b'ambitu limitat u skont regoli ddefiniti b'mod ċar dwar l-immaniġġjar tad-dejta personali, ikun hemm kontribut notevoli biex l-oġranizzazzjonijiet kriminali jiżżarmaw. Madankollu, dan m'għandux johlq duplikazzjoni ta' xogħol bejn il-Frontex u l-Europol.

Mill-2011 'il quddiem, il-Kummissjoni, b'kontribut konġunt mill-Frotex u l-Europol, se tippreżenta rapport sa kull tmien is-sena fuq delitti speċifiċi transkonfinali bħat-traffikar tal-bnedmin, il-kuntrabandu uman u l-kuntrabandu tal-oġġetti illeċiti. Dan ir-rapport annwali se jservi ta' bażi għall-valutazzjoni tal-bżonn tal-Frontex u l-operazzjonijiet konġunti tagħha, u l-operazzjonijiet konġunti bejn il-pulizija, id-dwana u l-awtoritajiet l-oħra speċjalizzati tal-infurzar tal-liġi li għandha ssir mill-2012 'il quddiem.

### Azzjoni 3: Immaniġġjar komuni tar-riskju għall-moviment tal-oġġetti min-naħa għall-oħra tal-fruntieri esterni

Fl-aħħar snin seħħew żviluppi legali u strutturali notevoli biex titjeb is-sigurtà u s-sikurezza tal-ktajjen internazzjonali tal-provvista u l-moviment tal-oġġetti li jkunu qed jaqsmu l-fruntieri tal-UE. Il-Qafas għall-Immaniġġjar tar-Riskju Komuni (CRMF), implimentat mill-awtoritajiet tad-dwana, jinkludi screening kontinwu ta' dejta elettronika ta' qabel il-wasla (u qabel it-tluq) biex jiġi identifikat ir-riskju ta' theddidiet tas-sigurtà u s-sikurezza għall-UE u għall-abitanti tagħha, kif ukoll biex dawn ir-riskji jiġu ttrattati kif inhu xieraq. Is-CRMF jipprovdi wkoll għall-applikazzjoni ta' kontrolli aktar intensivi li jimmiraw fuq oqsma prijoritarji identifikati, inklużi riskji ta' politiki kummerċjali u dawk finanzjarji. Jirrikjedi wkoll skambju sistematiku ta' informazzjoni tar-riskju fil-livell tal-UE.

Fis-snin li ġejjin se jkun hemm sfida biex tiġi żgurata prestazzjoni uniformi ta' kwalità għolja tal-immaniġġjar tar-riskju, analiżi assoċjata tar-riskju, u kontrolli bbażati fuq ir-riskju fl-Istati Membri kollha. Barra mir-rapport annwali tal-kuntrabandu tal-oġġetti illeċiti imsemmi hawn fuq, il-Kummissjoni se tiżviluppa valutazzjonijiet doganali fil-livell tal-UE biex tindirizza r-riskji komuni. L-iskambju tal-informazzjoni fil-livell tal-UE għandu jiġi użat biex isaħħaħ is-

<sup>30</sup> Dan il-proġett se jikkumplementa l-proġetti l-oħra ta' sorveljanza marittima integrati bħal BlueMassMed u Marsuno, li għandhom l-għan li jottimizzaw l-effiċjenza tas-sorveljanza marittima fil-Baħar Mediterran, l-Atlantiku u l-baċini tal-baħar tan-naħa tat-Tramuntana tal-Ewropa.

<sup>31</sup> Ħarsa ġenerali lejn il-qasam tal-immaniġġjar tal-informazzjoni fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja - COM (2010) 385.

sigurtà fil-fruntieri. Sabiex tissaħħaħ is-sigurtà doganali sal-livell meħtieġ fil-fruntieri esterni, il-Kummissjoni fl-2011 se taħdem fuq l-alternattivi biex **ittejjeb il-kapaċitajiet fil-livell tal-UE għall-analiżi tar-riskju u biex jipprova fil-mira** u tippreżenta proposti kif ikun meħtieġ.

#### Azzjoni 4: It-titjib tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji fil-livell nazżjonali

Sa tmiem l-2011 l-Istati Membri għandhom jibdew jiżviluppaw **analiżi komuni tar-riskju**. Dan għandu jinvolvi l-awtoritajiet rilevanti kollha li għandhom rwol ta' sigurtà, inkluż il-pulizija, il-gwardjani tal-fruntieri u l-awtoritajiet tad-dwana li jidentifikaw inħawi perikolużi u theddidiet multipli trasversali fil-fruntieri esterni, pereżempju l-kuntrabandu ripetut tal-persuni u d-drogi mill-istess reġjun fl-istess punti ta' qsim tal-fruntieri. Din l-analiżi għandha tikkomplimenta r-rapport annwali mill-Kummissjoni dwar ir-reati transkonfinali b'kontributi konġunti mill-Frontex u l-Europol. Sa tmiem l-2010 il-Kummissjoni se tiffinalizza studju li jidentifika l-aħjar prattiki dwar il-kooperazzjoni bejn il-gwardjani tal-fruntieri u l-amministrazzjonijiet tad-dwana li jaħdmu fil-fruntieri esterni tal-UE u jqisu x'inhuma l-aħjar modi biex iqassmuhom. Fl-2012, il-Kummissjoni se tagħmel suġġerimenti dwar kif għandha **titjeb il-koordinazzjoni tal-verifiki fil-fruntieri** li jsiru minn awtoritajiet nazżjonali differenti (il-pulizija, il-gwardjani tal-fruntieri, u d-dwana). Barra minn dan, sal-2014 il-Kummissjoni se tiżviluppa, flimkien mal-Frontex, il-Europol u l-Uffiċċju Ewropew tal-Appoġġ għal-Ażil, standards minimi u l-aħjar prattika għall-kooperazzjoni bejn l-aġenziji. Dawn għandhom jiġu applikati partikolarment għall-analiżi konġunta tar-riskju, investigazzjonijiet konġunti, operazzjonijiet konġunti u skambju ta' intelliġenza.

#### **OBJETTIV 5: Iż-żieda tar-reżiljenza tal-Ewropa għall-kriżijiet u d-diżastri**

L-UE hija esposta għal firxa ta' kriżijiet u diżastri potenzjali, bħal dawk marbuta mat-tibdil fil-klima u dawk ikkawżati minn attakki terroristiċi u attakki ċibernetiċi fuq infrastruttura kritika, rilaxxi ostili jew aċċidentali ta' aġenti u patoġeni tal-mard, it-tixrid f'salt tal-influenza, jew fallimenti fl-infrastruttura. Dawn it-theddidiet transsettorjali jitolbu titjib fil-prattiki tal-immaniġġjar tal-kriżijiet u d-diżastri li ilhom hemm haġna f'termini ta' effiċjenza u koerenza. Huma jirrikjedu kemm solidarjetà fir-reazzjoni, u responsabbiltà fil-prevenzjoni u t-tħejjija b'enfasi fuq valutazzjoni aħjar tar-riskju fil-livell tal-UE ta' kull periklu potenzjali.

#### Azzjoni 1: Isir użu sħiħ mill-klawsola ta' solidarjetà

Il-klawsola ta' solidarjetà fit-Trattat ta' Lisbona<sup>32</sup> tintroduċi obbligu legali fuq l-UE u l-Istati Membri tagħha biex jgħinu lil xulxin meta Stat Membru jisfa attakkat mit-terroristi jew jintlaqat minn diżastru magħmul mill-bniedem. Permezz tal-implimentazzjoni ta' din il-klawsola, l-UE tipprova tkun organizzata aħjar u aktar effiċjenti fl-immaniġġjar tal-kriżijiet, kemm f'termini ta' prevenzjoni kif ukoll ta' reazzjoni. Fuq il-bażi ta' proposta trasversali mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli - li se tiġi ppreżentata fl-2011 - il-ħidma kollettiva tal-UE se tkun li **tpoġġi fil-prattika l-klawsola ta' solidarjetà**.

---

<sup>32</sup> Artikolu 222 TFEU.

## Azzjoni 2: Approċċ tal-perikli kollha għall-valutazzjoni tat-theddid u r-riskji

Sa tmiem l-2010 il-Kummissjoni se tiżviluppa, flimkien mal-Istati Membri, **valutazzjoni tar-riskju** tal-UE u linji gwida direzzjonali għall-ġestjoni tad-diżastri, ibbażati fuq approċċ ta' multiperiklu u multiriskju, li fil-prinċipju jkopri d-diżastri kollha naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem. Sa tmiem l-2011, l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw approċċi nazzjonali għall-immaniġġjar tar-riskju, inkluż l-analiżi tar-riskju. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni se tfejji, sa tmiem l-2012, ħarsa ġenerali transsettorjali tar-riskji naturali l-kbar u dawk ikkawżati mill-bniedem li l-UE tista' taffaċċja fil-futur<sup>33</sup>. Barra minn hekk l-inizjattiva tal-Kummissjoni fuq is-sigurtà tas-saħħa ippjanata għall-2011 se tfittex li ssaħħaħ il-koordinazzjoni tal-immaniġġjar tar-riskju tal-UE u se ssaħħaħ l-istrutturi u l-mekkaniżmi eżistenti fil-qasam tas-saħħa pubblika.

Dwar il-**valutazzjoni tat-theddidiet**, il-Kummissjoni se tappoġġja sforzi biex jitjeb il-fehim reċiproku tad-definizzjonijiet varji tal-livelli tat-theddidiet u biex ittejjeb il-komunikazzjoni fejn dawn il-livelli jkunu soġġetti għal tibdil. Sal-2012, l-Istati Membri qed jiġu mistiedna li jipproduċu l-valutazzjonijiet tat-theddidiet tagħhom stess dwar it-terroriżmu u theddidiet oħra malizzjużi. Mill-2013 il-Kummissjoni, b'rabta mal-Koordinatur tal-UE għal Kontra t-Terroriżmu u l-Istati Membri se tfejji reviżjonijiet ġenerali regolari ta' theddidiet kurrenti, ibbażati fuq valutazzjonijiet nazzjonali.

Sal-2014 l-UE għandha tistabbilixxi politika koerenti tal-immaniġġjar tar-riskju li torbot il-valutazzjonijiet tat-theddid u r-riskju mat-teħid tad-deċiżjonijiet.

## Azzjoni 3: Ir-rabta bejn iċ-ċentri differenti tal-ġharfien tas-sitwazzjonijiet

Reazzjoni effettiva u kkoordinata għall-kriżijiet tiddependi fuq il-kapaċità li wieħed malajr joħroġ b'ħarsa ġenerali komprensiva u bir-reqqa lejn is-sitwazzjoni. Informazzjoni fuq sitwazzjoni ġewwa jew barra l-UE għandha tinġabar mis-sorsi rilevanti kollha, analizzata, vvalutata u skambjata mal-Istati Membri u l-friegħi operazzjonali u tal-politiki fl-istituzzjonijiet tal-UE. B'faċilitajiet siguri mqabba flimkien, it-tagħmir li hemm bżonn, u persunal imħarreġ kif imiss, l-UE tista' **tiżviluppa approċċ integrat ibbażat fuq apprezzament komuni u skambjat f'sitwazzjoni ta' kriżi**.

Fuq il-bażi tal-kapaċitajiet u l-kompetenzi eżistenti, il-Kummissjoni sal-2012, se ssaħħaħ ir-rabtiet bejn il-funzjonijiet speċifiċi għas-settur ta' twissijiet bikrija u kooperazzjoni fi kriżijiet<sup>34</sup>, inklużi dawk għas-saħħa, il-protezzjoni ċivili, is-sorveljanza tar-riskju nukleari u t-terroriżmu, u tagħmel użu mill-programmi operazzjonali immexxija mill-UE. Dawn l-arranġamenti se jgħinu biex jitjiebu r-rabtiet mal-aġenziji tal-UE u s-Servizz Ewropew tal-Azzjoni Esterna, inkluż iċ-Ċentru tas-Sitwazzjonijiet, u jwasslu għal aktar skambju tal-informazzjoni u fejn ikun meħtieġ, rapporti konġunti ta' valutazzjoni tal-UE għat-theddidiet u r-riskji.

---

<sup>33</sup> Il-konklużjonijiet tal-Kunsill fuq qafas Komunitarju fuq il-prevenzjoni tad-diżastri fi ħdan l-UE, Novembru tal-2009.

<sup>34</sup> Il-Kummissjoni se tibqa' tuża u tiżviluppa ulterjorment l-ARGUS - ara COM (2005) 662 - u proċeduri relatati għall-kriżijiet ta' periklu trasversali u multisettorjali kif ukoll għall-koordinazzjoni madwar is-servizzi kollha tal-Kummissjoni.



Koordinazzjoni effettiva bejn l-istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-UE tirrikjedi qafas koerenti u ġenerali li jipproteġi l-informazzjoni kklassifikata. Il-Kummissjoni għalhekk fi ħsiebha tressaq proposta biex tindirizza dan fl-2011.

#### Azzjoni 4: L-iżvilupp ta' Kapacià Ewropea ta' Reazzjoni għat-trattament tad-diżastri

L-UE għandha tkun kapaċi tirreaġixxi għad-diżastri kemm fl-UE kif ukoll lil hinn minnha. Il-lezzjonijiet li ttieħdu minn ġrajjiet reċenti jindikaw li hemm spazju għal titjib ulterjuri f'termini ta' ħeffa tal-mobilizzazzjoni tal-azzjoni xierqa, il-koordinazzjoni operazzjonali u politika, u l-**viżibbiltà** tar-reazzjoni tal-UE għad-diżastri kemm internament kif ukoll esternament.

F'konformità mal-istrateġija adottata reċentement dwar ir-reazzjoni għad-diżastri<sup>35</sup>, l-UE għandha tistabbilixxi Kapacià Ewropea ta' Reazzjoni ibbażata fuq l-assi impenjati minn qabel tal-Istati Membri li jkunu għal-lest għall-operazzjonijiet tal-UE u pjanijiet ta' kontinġenza miftiehma minn qabel. Għandhom jitjiebu l-effiċjenza u l-effettività tal-kostijiet permezz ta' skambju tal-loġistika, u arranġament aktar sempliċi u f'saħħithom għall-iskambju u l-finanzjament tal-assi ta' trasport. Il-proposti leġiżlattivi se jkunu ppreżentati fl-2011 biex jiġu implimentati l-proposti ewlenin.

### **3. L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-ISTRATEĠIJA**

Ir-realizzazzjoni tal-Istrateġija Interna tas-Sigurtà fl-Azzjoni hi r-responsabbiltà komuni tal-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u l-aġenziji tal-UE. Din tirrikjedi proċess miftiehem għall-implimentazzjoni tal-istrateġija bi rwoli u responsabbiltajiet ċari, bil-Kunsill u l-Kummissjoni, b'rabta mill-qrib mas-Servizz Ewropew tal-Azzjoni Esterna, jsuqu l-progress biex l-oġettivi strateġiċi jkunu ssodisfati. B'mod partikolari, il-Kummissjoni se tappoġġja l-attivitajiet tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Operazzjonali dwar is-Sigurtà Interna (COSI) biex tassigura li tkun promossa u msaħħa il-kooperazzjoni operazzjonali, u biex tkun iffaċilitata l-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.<sup>36</sup>

#### *Implimentazzjoni*

Il-prijoritajiet għandhom ikunu riflessi kemm fl-ippjanar operazzjonali tal-aġenziji tal-UE, fil-livell nazzjonali, kif ukoll fil-programmi ta' xogħol tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni se tiżgura li l-attivitajiet marbuta mas-sigurtà, inkluża r-riċerka dwar is-sigurtà, il-politika u l-proġetti industrijali taħt il-programmi ta' finanzjament tal-UE interni marbuta mas-sigurtà, jkunu koerenti mal-oġettivi strateġiċi. Ir-riċerka dwar is-sigurtà se tibqa' tkun iffinanzjata taħt il-programm qafas multiannwali tar-riċerka u l-iżvilupp. Biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess il-Kummissjoni se twaqqaf grupp ta' ħidma intern. Is-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna se jkun mistieden biex jieħu sehem u jiżgura l-konsistenza mal-Istrateġija Ewropea tas-Sigurtà b'ambitu aktar wiesa', u biex jiġu sfruttati s-sinerġiji bejn il-politiki interni u

<sup>35</sup> 'Lejn reazzjoni Ewropea għad-diżastri aktar f'saħħitha: ir-rwol tal-protezzjoni ċivili u l-assistenza umanitarja' COM (2010) 600.

<sup>36</sup> L-Artikolu 71 TFUE, ara wkoll id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/131/UE it-twaqqif ta' Kumitat Permanenti għall-kooperazzjoni operazzjonali dwar is-sigurtà interna.

esterni, inklużi l-valutazzjonijiet tar-riskju u tat-theddiet. Għall-istess skop, is-COSI u l-Kumitat Politiku u tas-Sigurtà għandhom jaħdmu flimkien u jiltaqgħu regolarment.

Il-finanzjament li jista' jkun meħtieġ għall-perjodu 2011-2013 se jkun disponibbli fi ħdan il-limiti massimi annwali tal-qafas finanzjarju multiannwali. Għall-perjodu ta' wara l-2013, il-finanzjament tas-sigurtà interna se jkun eżaminat fil-kuntest ta' dibattitu mal-Kummissjoni kollha fuq il-proposti kollha li jsiru għal dak il-perjodu. Bħala parti minn dak id-dibattitu, il-Kummissjoni se tikkunsidra l-fattibbiltà li twaqqaf Fond Intern tas-Sigurtà.

### *Sorveljanza u evalwazzjoni*

Il-Kummissjoni, flimkien mal-Kunsill, se tissorvelja l-progress tal-Istrateġija Interna tas-Sigurtà fl-Azzjoni. Il-Kummissjoni se tipproduċi rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istrateġija fuq il-bażi ta' kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri u l-aġenziji tal-UE u kemm jista' jkun tuża l-mekkaniżmi eżistenti tar-rappurtar. Ir-rapport annwali se jenfasizza l-iżviluppi ewlenin għal kull objettiv strateġiku, u jivvaluta jekk l-azzjonijiet fil-livell tal-UE u tal-Istat Membru kinux effettivi, u fejn ikun xieraq jagħmel rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni. Ir-rapport annwali se jinkludi wkoll anness li jiddeskrivi l-istat tas-sigurtà interna. Se jkun imħejji mill-Kummissjoni, bl-appoġġ ta' kontributi mill-aġenziji rilevanti. Ir-rapport jista' kull sena jinforma d-dibattiti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà interna.

### **RIMARKI TAL-GĦELUQ**

Id-dinja tagħna qed tinbidel, u qed jinbidlu wkoll it-theddiet u l-isfidi ta' madwarna. Ir-reazzjoni tal-Unjoni Ewropea għandha tevolvi bl-istess mod. Billi naħdmu flimkien biex nimplimentaw l-azzjonijiet imfassla f'din l-istrateġija, inkunu fit-triq it-tajba. Fl-istess waqt, huwa inevitabbli li nkunu kemm inkunu f'saħħitna u ppreparati tajjeb, it-theddiet ma jistgħux jiġu eliminati kompletament. Din hi r-raġuni għaliex huwa ferm aktar importanti li nagħtu spinta lill-isforzi tagħna.

Bit-Trattat ta' Lisbona bħala qafas legali ġdid, l-Istrateġija Interna ta' Sigurtà fl-Azzjoni għandha ssir l-aġenda komuni għall-UE matul l-erba' snin li ġejjin. Is-suċċess tagħha jiddependi mill-isforzi kkombinati tal-atturi kollha tal-UE, imma wkoll fuq il-kooperazzjoni mad-dinja ta' barra. Hu biss billi jgħaqqdu l-isforzi u jaħdmu flimkien biex jimplimentaw din l-istrateġija biex l-Istati Membri, l-Istituzzjonijiet tal-UE, il-korpi u l-aġenziji jirnexxilhom jipprovdu reazzjoni Ewropea verament ikkoordinata għat-theddiet għas-sigurtà ta' żmienna.

Anness: Sommarju tal-objettivi u l-azzjonijiet

## STRATEĠIJA INTERNA TAS-SIGURTÀ

### OBJETTIVI U AZZJONIJIET

OBJETTIVI U AZZJONIJIET	MIN HU RESPONSABBLI	IL-ĦIN
<b>OBJETTIV 1: It-tkissir tan-netwerks internazzjoni kriminali</b>		
<i>Azzjoni 1: L-identifikazzjoni u ż-żarmar ta' netwerks kriminali</i>		
Proposta fuq l-użu tar-Rekords tal-UE tal-Ismijiet tal-Passiġġieri	COM <sup>37</sup>	2011
Reviżjoni possibbli tal-leġiżlazzjoni ta' kontra l-ħasil tal-flus biex tkun possibbli l-identifikazzjoni tal-proprietarji tal-kumpaniji u t-trusts	COM	2013
Linji gwida dwar l-użu tar-reġistri tal-kontijiet bankarji għar-rintraċċar tal-moviment tal-finanzi kriminali	COM	2012
Strateġija fuq il-għbir, l-analiżi u l-iskambju tal-informazzjoni fuq tranżazzjonijiet finanzjarji kriminali, inkluż it-taħriġ	COM mal-SM u s-CEPOL	2012

<sup>37</sup>

Nota dwar l-Akronimi: Il-Kummissjoni Ewropea (COM), l-Istati Membri (SM), il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL), In-Netwerk Ewropew tal-Aġenzija tas-Sigurtà tal-Infurmazzjoni (ENISA), iċ-Ċentru tal-Analiżi u l-Operazzjonijiet Marittimi - Narkotiċi (MAOC-N), iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni għall-għieda kontra d-droga fil-Mediterran (Centre de coordination pour la lutte antidrogue en Méditerranée (CECLAD-M)), l-Uffiċċju Ewropew tal-Appoġġ għall-Ażil (EASO), ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Poltika tas-Sigurtà (HR).

<b>OBJETTIVI U AZZJONIJIET</b>	<b>MIN HU RESPONSABBLI</b>	<b>IL-ĦIN</b>
Użu akbar tal-Gruppi Konġunti tal-Investigazzjoni imwaqqfa fi żmien qasir	SM mas-COM is-CEPOL, il-Europol u l-Eurojust	Kontinwu
<i>Azzjoni 2: Il-protezzjoni tal-ekonomija kontra l-infiltrazzjoni kriminali</i>		
Proposta fuq is-sorveljanza u l-assistenza lill-Istati Membri fl-isforzi kontra l-korruzzjoni	COM	2011
Jiġi stabbilit netwerk ta' punti nazzjonali ta' kuntatt għal korpi governattivi u regolatorji	COM ma' SM	2011
Azzjonijiet għat-tisħiħ tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u l-ġlieda kontra l-bejgħ fuq l-internet tal-oġġetti ffalsifikati	SM u COM	Kontinwu
<i>Azzjoni 3: Il-konfiska tal-assi kriminali</i>		
<i>Proposta fuq konfiska ta' parti terza, konfiska estiża u ordinijiet ta' konfiska bbażati fuq nonkundanna</i>	COM	2011
It-twaqqif ta' Uffiċċji effettivi għall-Irkupru tal-Assi u l-arranġamenti meħtieġa għall-immaniġġjar tal-assi	SM	2014
Indikaturi komuni għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-Uffiċċji għall-Irkupri tal-Assi u gwida fuq kif wieħed jimpedixxi lill-kriminali milli jakkwistaw mill-ġdid l-assi kkonfiskati	COM	2013

OBJETTIVI U AZZJONIJIET	MIN HU RESPONSABBLI	IL-ĦIN
<b>OBJETTIV 2: Il-prevenzjoni tat-terroriżmu u l-indirizzar tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ</b>		
<i>Azzjoni 1: Il-komunitajiet jingħataw il-qawwa biex jimpedixxu r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ</i>		
<i>Il-ħolqien ta' netwerk tal-UE dwar il-kuxjenza dwar ir-radikalizzazzjoni permezz ta' forum online u konferenzi madwar l-UE. Appoġġ lis-soċjetà ċivili biex tinkixef, tiġi tradotta u kkonfrontata l-propoganda estremista vjolenti</i>	COM mal-Kumitat tar-Reġjuni	2011
<i>Konferenza ministerjali fuq il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ</i>	COM	2012
<i>Ktejjeb fuq il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni, it-tħarbit tar-reklutaġġ u l-possibbiltà ta' disżingaġġ u rijabilitazzjoni</i>	COM	2013-14
<i>Azzjoni 2: Jinqata' l-aċċess tat-terroristi għall-finanzjament u l-materjal u s-segwitu tat-tranżazzjonijiet tagħhom</i>		
<i>Qafas għall-iffriżar tal-assi tat-terroristi</i>	COM	2011
<i>Implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni għall-prevenzjoni tal-aċċess ta' splussivi u sustanzi kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari</i>	SM	Kontinwu
<i>Politika għall-estrazzjoni u l-analiżi tal-UE ta' dejta ta' messaqġi finanzjarji</i>	COM	2011

<b>OBJETTIVI U AZZJONIJIET</b>	<b>MIN HU RESPONSABBLI</b>	<b>IL-ĦIN</b>
<i>Azzjoni 3: Il-protezzjoni tat-trasport</i>		
<i>Komunikazzjoni fuq il-Politika tas-Sigurtà tat-Trasport</i>	COM	2011

<b>OBJETTIV 3: Intellgħu il-livelli ta' sigurtà għaċ-ċittadini u n-negozji fiċ-ċyberspazju</b>		
<i>Azzjoni 1: Il-bini ta' kapaċità fl-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura</i>		
<i>It-twaqqif ta' ċentru tal-UE taċ-ċiberkriminalità</i>	Suġġett għall-istudju tal-fattibbiltà tal-COM fl-2011	2013
<i>L-iżvilupp ta' kapaċitajiet għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni taċ-ċiberkriminalità</i>	SM mas-CEPOL, il-Europol u l-Eurojust	2013
<i>Azzjoni 2: Il-ħidma mal-industrija biex iċ-ċittadini jsiru kapaċi u jkunu protetti</i>		
<i>It-twaqqif tal-arranġamenti għall-irrappurtar ta' inċidenti taċ-ċiberkriminalità u l-fornimenti ta' gwida għaċ-ċittadini dwar iċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberkriminalità</i>	SM, COM, Europol, l-ENISA u s-settur privat	<i>Kontinwu</i>
<i>Linji gwida għall-kooperazzjoni fit-trattament tal-kontenut illegali online</i>	COM mal-SM u s-settur privat	2011
<i>Azzjoni 3: Titjib fil-kapaċità għat-trattament taċ-ċiber attakki</i>		
<i>It-twaqqif ta' netwerk ta' Gruppi ta' Reazzjoni ta' Emerġenza tal-Kompjuter f'kull SM u wieħed għall-</i>	SM u l-istituzzjonijiet tal-UE	2012

<b>OBJETTIVI U AZZJONIJIET</b>	<b>MIN HU RESPONSABBLI</b>	<b>IL-ĦIN</b>
istituzzjonijiet tal-UE, u pjanijiet regolari nazzjonali ta' kontinġenza u eżerċizzji ta' reazzjoni u rkupru.	mal-ENISA	
<i>It-twaqqif ta' sistema Ewropea għall-iskambju tal-informazzjoni u t-twissijiet (EISAS)</i>	SM mal-COM u l-ENISA	2013

**OBJETTIV 4: It-tisħiħ tas-sigurtà permezz ta' mmaniġġjar tal-fruntieri**

*Azzjoni 1: L-isfruttament tal-potenzjal kollu tal-EUROSUR*

<i>Proposta għat-twaqqif tal-EUROSUR</i>	COM	2011
<i>Proġett pilota operazzjonali fil-fruntiera tan-nofsinhar jew tal-Lbiċ tal-UE</i>	COM, Frontex, Europol, MAOC-N u CeCLAD-M	2011

*Azzjoni 2: It-tisħiħ tal-kontribuzzjoni tal-Frontex għall-ġlieda kontra l-kriminalità fil-fruntieri esterni*

<i>Rapporti konġunti dwar traffikar tal-bnedmin, kuntrabandu tal-bnedmin u kuntrabandu tal-oġġetti illeċiti bħala bażi għal operazzjonijiet konġunti</i>	COM mal-Frontex u l-Europol	2011
--	-----------------------------	------

*Azzjoni 3: Immaniġġjar komuni tar-riskju għall-moviment tal-oġġetti min-naħa għall-oħra tal-fruntieri esterni*

Inizjattivi biex jitjiebu l-ħiliet għall-analiżi tar-riskju u l-immirar	COM	2011
---	-----	------

*Azzjoni 4: It-titjib tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji fil-livell nazzjonali*

L-iżvilupp ta' analiżi nazzjonali tar-riskju komuni li jinvolvi l-pulizija, il-gwardjani tal-fruntieri u l-	SM	2011
---	----	------

<b>OBJETTIVI U AZZJONIJIET</b>	<b>MIN HU RESPONSABBLI</b>	<b>IL-ĦIN</b>
awtoritajiet tad-dwana biex jidentifikaw l-inħawi perikolużi fil-fruntieri esterni		
<i>Suġġerimenti għat-titjib tal-koordinazzjoni tal-verifiki fil-fruntieri li jitwettqu minn awtoritajiet differenti</i>	COM	2012
<i>L-iżvilupp ta' standards minimi u l-aħjar prattiki għall-kooperazzjoni bejn l-aġenziji</i>	COM, Europol, Frontex, EASO	2014
<b>OBJETTIV 5: Iż-żieda tar-reżiljenza tal-Ewropa għall-kriżijiet u d-diżastri</b>		
<i>Azzjoni 1: Isir użu sħiħ mill-klawsola ta' solidarjetà</i>		
Proposta dwar l-implimentazzjoni tal-klawsola ta' solidarjetà	COM/HR	2011
<i>Azzjoni 2: Approċċ tal-perikli kollha għall-valutazzjoni tat-theddid u r-riskji</i>		
Valutazzjoni tar-riskju u linji gwida direzzjonali għall-immaniġġjar tad-diżastri	COM ma' SM	2010
Approċċi nazzjonali għall-immaniġġjar tar-riskju	SM	2011-12
Ħarsa ġenerali transsettorjali ta' riskji futuri possibbli naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem	COM	2012
Proposta fuq it-theddidiet għas-saħħa	COM	2011
Reviżjonijiet ġenerali regolari ta' theddidiet kurrenti	COM mal-SM u s-CTC	2013
It-twaqqif ta' politika koerenti għall-immaniġġjar tar-riskju	COM ma' SM	2014
<i>Azzjoni 3: Ir-rabta bejn iċ-ċentri differenti tal-għarfien tas-sitwazzjonijiet</i>		



OBJETTIVI U AZZJONIJIET	MIN HU RESPONSABBLI	IL-ĦIN
It-tiŝiħ tar-rabtiet bejn il-funzjonijiet ta' twissija bikrija speċifiċi għas-settur u dawk dwar il-kooperazzjoni fi kriżijiet	COM	2012
Proposta għal qafas ġenerali koerenti għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata	COM	2011
<i>Azzjoni 4: L-iżvilupp ta' Kapaċità Ewropea għat-trattament tad-diżastri</i>		
Proposti għall-iżvilupp ta' Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni ta' Emerġenza	COM	2011